MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 1009/2012

**Artikolu 334 tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**ANTHONY PISANI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTHONY PISANI,** ta' 56 sena iben Emanuele u Rosaria nee' Formosa, imwieled Zabbar nhar it-22 ta' Awwissu, 1956 residenti gewwa 2, Triq il-Kbira, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 574156(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat:

Talli matul is-sena 2009, gewwa dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe' spoiler ta' vettura, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkunu ndahal biex ibieghu jew imexxieh, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-232.94 ewro izda ma jeccedix l-2329 ewro, kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok RS1, fedina penali mmarkata bhala Dok RS2, kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Settembru 2012,

stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. SR1 u okkorrenza mmarkata bhala Dok. SR2.

**L-Ispettur Robert Said Sarreo** xehed fis-7 ta’ Novembru, 2012 fejn iddikjara li fl-4 ta’ Awwissu 2012 ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar mar l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar certu Steve Abela fejn qal li ra spoiler tieghu li kien imwahhal fuq vettura Mitsubishi bin-numru ta’ registrazzjoni EAX-382 li tappartjeni lil certu Ludwig Cassar. Stephen Abela qal li nhar il-15 ta’ Dicembru 2009 kien ghamel rapport li minn gewwa garaxx Triq ix-Xghajra, Zabbar kienu nsterqulu diversi accessorji tal-vettura fosthom dan l-ispoiler li kien spoiler ta’ fuq wara tal-vettura li kien jiswa’ madwar sitt mitt ewro (€600).

Steve Abela qal li dan l-ispoiler wara tlett (3) snin irnexxielu jgharfu fuq din il-vettura ta' Ludwig Cassar. Il-Pulizija bghatet ghal dan Ludwig Cassar fejn gie l-Ghassa Haz-Zabbar bil-karozza tieghu, staqsewh minn fejn kien gab dak l-ispoiler ta' fuq il-vettura u qalilhom dak l-ispoiler kien tahulu certu Twanny Pisani maghruf bhala c-Cejca minn Haz-Zabbar madwar tlett (3) snin ilu u kien wehlu minn fuq il-vettura tieghu. Staqsewh jekk tahulux b'xejn dan l-ispoiler u wegibhom li dan qabad u tah dan l-ispoiler b'xejn.

L-Ispettur tenna li huwa baghat ukoll ghall-panel beater certu Stephen Farrugia li kien semmieh Steve Abela, il-vittma biex seta' jikkonfermalhom li dan huwa l-istess spoiler li kien tal-imputat fejn fil-fatt il-panel beater Stephen Farrugia gie l-Ghassa u gharaf li dan kien hadem fuq dan l-ispoiler li kien gablu Steve Abela.

L-Ispettur baghat ukoll ghall-imputat Anthony Pisani wkoll maghruf bhala Twanny Pisani fejn nhar l-4 ta' Awwissu, 2012 kien hadlu stqarrija wara li kien ha l-parir u kellem lil Dr Yana Micallef Stafrace ghall-parir legali. Twanny Pisani kien qal li hu madwar tlett (3) snin ilu kien sab dan l-ispoiler hdejn il-Foss mormi hdejn il-Foss ma' diversi affarijiet ohra u qabad u ha dan l-ispoiler u tah lil Ludwig Cassar u qal li Ludwig Cassar kien ilu jafu ghax kien habib tieghu. Huwa kien jaf li kien dilettant tal-karozzi u allura x'hin ra l-ispoiler qal li dan ha joghgbu u qabad u tah lill-imputat lil Ludwig Cassar.

Huwa staqsieh ghalfejn ma kienx gab dan l-ispoiler l-Ghassa jew ikellem lill-Pulizija ghax qal li hu kemm qabad u tah lil Ludwig. L-Ispettur esebixxa l-istqarrija ta' zewg (2) faccati fejn gharaf il-firem tieghu, tal-imputat Anthony Pisani li qed jaghraf fl-Awla u ta' PC 1046 tal-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Huwa esebixxa r-Rapport li ghamel l-istess vittma Stephen Abela nhar il-15 ta' Dicembru tas-sena elfejn u disa' (2009) fejn iddikjara li l-ispoiler tieghu kien misruq kif ukoll l-*update* li sar meta rega' gie l-Ghassa fl-4 ta' Awwissu 2012. Dan ir-Rapport gie mmarkat bhala Dok. SR 2.

**WPC 292 Rosemarie Spiteri** xehdet nhar is-7 ta’ Novembru 2012 fejn iddikjarat li nhar l-4 ta' Awwissu, 2012 ghall-habta tas-saghtejn (2:00) waqt li kienet qieghda xoghol gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar mar certu Steve Abela fejn stqarr illi kien ra l-ispoiler tieghu mwahhal fuq vettura Mitsubishi bin-numru ta’ registrazzjoni EAX-382 ta' certu Ludwig Cassar. Il-Pulizija ordnat sabiex Ludwig Cassar u l-vettura Mitsubishi EAX-382 jigi biha l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar u filfatt hekk ghamel u stqarr illi l-ispoiler kien tahulu certu Twanny Pisani. Twanny Pisani gie wkoll aktar tard

l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn gew mitkellma mill-Ispettur tal-Ghassa Robert Said Sarreo. Ix-xhud stqarret li hija lil Twanny Pisani ma kellmitux.

**Stephen Abela** xehed fis-7 ta' Novembru, 2012 fejn iddikjara li xi sentejn qabel kien ghamel rapport l-Ghassa ghax kien insteraqlu spoiler ta' wara tal-Alfa u xi affarijiet ohra mill-garaxx tieghu. Huwa spjega li ra l-ispoiler li kellu mwahhal go karozza. Mistoqsi l-valur ta' dan l-ispoiler wiegeb li dan jiswa xi mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). Ix-xhud spjega li fis-sena 2012 kien ghaddej u ra l-ispoiler imwahhal fuq karozza Haz-Zabbar. Huwa mar jipprova bicca li kellu hu u qablet ezatt anke mat-toqob. Wara huwa mar l-Ghassa. Dan l-ispoiler ma kienx sprenjat lanqas. Huwa tenna li l-Pulizija baghtu ghalih.

Mistoqsi mill-Qorti kemm kien ilu li xtrah qabel ma nsteraqlu wiegeb illi kien xi tmien xhur jew sena u kien xtrah gdid. Huwa kkonferma li dan kien l-ispoiler tieghu ghax kien modifikat ghall-karozza tieghu u kien jaqbel ezatt meta ccekjah. Ix-xhud spjega li meta ra l-ispoiler dan kien fih naqra zebgha griz mizjuda fuqu.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn gie mistoqsi jekk ghandux ricevuta ta' meta' xtara l-ispoiler u wiegeb li le pero' tal-fibre kellu jmur l-Ghassa biex jikkonferma. Huwa spjega li l-ispoiler jiswa mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bil-bicca ta' fuq u t'isfel b'kollox. Huwa qal li l-karozza kien armaha b'wahda ghax kellu wahda li kien halliha minghajru. Pero' l-bicca li nsterqet kienet dik imwahhla mal-karozza t'isfel. Mistoqsi jekk kulhadd jistax imur jixtri bhalha din l-ispoiler wiegeb illi iva pero' l-qies ikun ta' karozza ikbar u mbaghad icekknuha ghall-karozza skond il-bzonn. Huwa

spjega li minn fejn xtara l-ispoiler kien cekkinielu billi qataghlu minn nofs u cekknu.

**PS 192 Ramon Godano** xehed fit-18 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa kellu rapport fil-hmistax (15) ta' Dicembru, tal-elfejn u disgha (2009) minghand certu Steve Abela fejn dan kien irrapporta li xi persuni mhux maghrufa kienu serqulu xi affarijiet tal-karozza minn gewwa garaxx li jinstab Tophill, Triq ix-Xaghjra gewwa Zabbar. L-affarijiet li nsterqu kienu jikkonsistu fi spoiler tal-fanali ta' quddiem ta' Volkswagen Polo, indicator ta' Alfa Trentatre' (33), side skirt tal-fibre, front right door tal-Alfa Trentatre' (33), both front side mirrors ta' Alfa Trentatre', stereo Pioneer u battery ta' karozza. Huwa kkonferma li r-rapport li ha jinsab ezebit u mmarkat bhala Dok. SR2 a fol 14 tal-process.

**L-Ispettur Robert Said Sarreo** rega' xehed fit-18 ta' Gunju 2013 fejn ipprezenta ritratt ta' dan l-ispoiler li gie mehud nhar l-4 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) meta nstab mill-Pulizija li gie mmarkat bhala Dokument SG1. Huwa spjega li dan ir-ritratt hadu pulizija tal-Forensika fil-presenza tieghu. Dan ir-ritratt ittiehed fit-triq fejn l-Ghassa.

**Ludvic Cassar** xehed fit-18 ta' Gunju, 2013 fejn iddikjara li huwa ghandu karozza Mitsubishi Lancer ta' kulur silver bin-numru ta' registrazzjoni EAX-582. Huwa jiftakar li fis-sajf li kien ghadu kif ghadda kienu baghtu ghalih il-Pulizija minhabba l-ispoiler ta' wara tal-karozza u qalulu li kien misruq. Huma qalulu li huwa kien seraq l-ispoiler ta' wara. Huwa wegibhom li l-ispoiler kien tahulu Twanny Pisani maghruf bhala c-Cejca li kien habib tieghu. Huwa gharaf lil Twanny Pisani bhala l-imputat prezenti fl-awla. Ix-

xhud tenna li l-ispoiler kien ilu mal-karozza xi tmienja jew disa' snin. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni illi meta' kien kellmu kien wiegbu li l-ispoiler kien ilu ghandu tliet snin u issa qed jghid li ilu disa' snin wiegeb illi kien iccekja bl-ezatt kemm kien ilu fuqu. Mistoqsi x'ghamel bl-ispoiler meta kellmuh il-Pulizija wiegeb illi qalghu u tahulu ghax rieduh bilfors.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta nhar it-12 ta' Gunju, 2014.

**Stephen Farrugia** xehed nhar it-12 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem xoghol ta' *fibre glass*. Jiftakar illi darba minnhom fost l-ohrajn kien cempillu Spettur tal-Pulizija u kien qallu illi kellu klijent li kien hadimlu xi xoghol ta' *spoiler* xi hames (5) snin ilu u li kien insteraqlu dan l-ispoiler u effettivament kien instab u l-Pulizija talbitu biex imur l-Ghassa biex jara jistax jidentifika dan ix-xoghol jekk kienx tieghu. Huwa filfatt kien mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u gie muri *spoiler* u huwa identifika dak l-ispoiler bhala l-istess wiehed li huwa kien ghamel ghall-klijent li llum il-gurnata nesa min hu.

Ix-xhud gie muri ritratt immarkat bhala dokument SG1 li jinsab inserit fl-atti a fol. *thirty six* (36) u spjega illi dan huwa l-ispoiler in kwistjoni. Huwa tenna illi l-valur li kien thallas tieghu piu' o meno huwa xi €360 ghalkemm huwa kien thallas b'liri Maltin. Huwa sostna li l-ispoiler in kwistjoni lanqas

qatt gie misbuh. Fil-fatt fejn inghaqad ghadu bl-*under coat* li kien ghamillu x-xhud stess u qal li kull min jahdem il-*fibre glass* irid jaghmel il-forma u naturalment kull bniedem jaghmel wahda differenti. Huwa stqarr li jista' jgib dan l-ispoiler in kwistjoni, jaghmlu fil-forma tieghu u jaqbel bl-ezatt.

Ix-xhud iddikjara li huwa mpossibbli li jkun hemm zewg minn nies jaghmlu l-istess forma ghax kull forma tkun partikolari ghal min jaghmilha u kkonferma li din il-forma ghamilha hu wara li kien gab xi qisien minn barra. Huwa qal li l-ispoiler in kwistjoni tant hu mkisser illi kien jinghaqad minn fejn ezattament hadem fuqu x-xhud. Mistoqsi kif inkiser wiegeb illi ma jkunx jaf.

**L-imputat Anthony Pisani** xehed nhar it-23 ta’ Lulju 2014 u spjega kif huwa jdur postijiet f’Malta sabiex jigbor affarijiet tal-hadid bhal fridges, cookers u xi hadid iehor li jkun abbandunat u mitluq ghall-iscrap u wara jigbru u jmur ibieghu. Spjega kif xi zmien ilu kien gabar xi scrap minn hdejn il-Mina ta’ Hompesch Haz-Zabbar u fost l-affarijiet li kien gabar kien sab spoiler li kien miksur u kien tah lil xi tifel minn Haz-Zabbar maghruf bhala Ludwig. Spjega li dan kien persuna li kellu vicin tieghu. Mistoqsi mill-Qorti kemm qala’ tieghu jghid li tahulu b’xejn ghax ghalih ma kellux valur. Jghid li dan kien sehh zmien ilu u fil-fatt meta kien tkellem mal-Ispettur l-ghassa fis-sena 2012 kien qallu li dan l-ispoiler kien tah lil Ludwig xi tlett snin qabel u ghalhekk fis-sena 2009, izda meta xehed il-Qorti ftakar li kien tahulu hafna qabel. Qal li kulhadd gewwa Haz-Zabbar kien ra lil Ludwig jigri b’dan l-ispoiler ghaliex kien wahhlu fuq il-vettura tieghu zmien ilu.

Spjega li missier Ludwig huwa habib tieghu u meta l-pulizija ikkonfrontawh ma’ missier Ludwig fl-ghassa dan qalilhom mela din hi l-persuna li qed tissuspettaw fiha u quddiemu qalilhom biex ihalluh.

L-imputat pero’ kien irrilaxxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 12 immarkata bhala Dok SR1 u dan nhar l-4 ta’ Awwissu 2012. F’din l-istqarrija hu kien stqarr li xoghlu hu li jigbor l-imbarazz minn kullimkien. Mistoqsi jekk jafx lil Ludwig Cassar jghid li jafu u fil-fatt qal li kien trabba mieghu u missieru u habib tieghu. Mistoqsi jekk hux minnu li l-ispoiler li Ludwig ghandu mwahhal fuq il-vettura tieghu tal-ghamla Mitsubishi numru ta’ registrazzjoni EAX 382 kienu tahulu huwa jghid li kien hu li tahulu. Mistoqsi kemm kien ilu li tahulu jghid li ma jiftakarx is-sena pero’ kien ilu hafna. Spjega li kien sab dan l-ispoiler il-Foss hdejn ir-razzett tal-baqar u kien gabru u peress li kien jaf li Ludwig dilettant tal-karozzi u kien jiehu pjacir bih tahulu. Mistoqsi ghaliex ma kienx hadu l-ghassa meta sabu jghid li haseb li kien mormi u ma gietux f’rasu li jiehdu hemm. Mistoqsi jekk jafx lil Joe Abela d-Disma jghid li jafhom. Mistoqsi jekk qatt marx ghandhom biex inaddaf xi garaxxijiet taghhom jghid li ma mar qatt u fil-fatt stqarr li d-Disma jigbor il-hadid hu stess.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-23 ta’ Lulju 2014 u semghet lill-partijiet jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-**Artikolu 334 tal-Kapitolu 9** tal-ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok ta' recidiva liema akkuza ahharija ma tistax tirrizulta jekk l-ewwel akkuza ma tigix provata.

Li qabel mal-Qorti sejra tidhol fl-apprezzament tax-xhieda biex tara jekk ir-reat addebitat lill-imputat giex ippruvat jew le, il-Qorti thoss li ghandha taghmel apprezzament tal-elementi tar-reat in dezamina.

Illi jirrizulta minn ezami tar-reat in dezamina li l-elementi tar-ricettazzjoni huma:

i. Li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta';

ii. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun ircieviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tesita jew tbiegh dawk l-oggetti;

iii. li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza illegittima ta' dawk l-oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista' jkun hemm bejn dak li tallega l-Prosekuzzjoni u d-Difiza hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma *xjenza*. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma *xjenza.*

Skond il-**Manzini** huwa jispjega li:

*"per l'imputabilita del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

**Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** (Edit. 1965) jiktbu:

*"knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Carmelo sive Charles Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' April, 2000 fejn il-Qorti rriteniet li:

*"Dwar l-element tal-provenjenza illegali w tax-xjenter fid-delitt ta' ricetazzjoni, dawn jistghu jirrizultaw mhux biss minn provi diretti, izda anke minn provi indiretti. Bhal ma' dejjem gie ritenut, l-element tax-xjenter jezizti anke f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provenjenza*

*illegali jigi akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li minhabba n-natura taghhom dubjuza, ragjonevolment jaghtu suspett dwar il-provenjenza illegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi bhal per ezempju, prezz irrizorju, in-natura jew deskrizzjoni ta' l-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbiegh jew jigi akkwistat, il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggett simili, u cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita kriminuza..... l-appellant veru ma kienx jaf b'mod dirett li dak kien oggett misruq, pero' mic-cirkostanzi ferm dubjuzi w suspettuzi hu kien messu ragjonevolment induna li dak is-senter kien effettivament gej minn xi provenjenza llegali, u mhux necessarjament minn serq biss.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal-grad mitlub mil-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezisti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha."*

Dwar l-element ta' xjenza issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet

**<u>Il-Pulizija Vs Tancred Borg</u>** deciza mill-istess Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru 1988 fejn inghad:-

"Li wiehed ikollu suspett ta' xi irregolarita' jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara App. Kriminali 24/06/1961 **<u>Il-</u>**

**Pulizija vs George Tabone** deciz fl-24 ta' Gunju 1961, u **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** deciz fit-30 ta' Novembru 1978)."

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

a. **Il-Pulizija v Bugelli (vol XXXI pg. 468)**
b. **Il-Pulizija v Simiana (vol XXXIII pg. 966)**
c. **Il-Pulizija v Muscat (vol XXV pg. 706)**
d. **Il-Pulizija v Degiorgio (vol XXXVII pg. 1059)**
e. **Il-Pulizija v Fenech (vol XXIX pg. 694)**
f. **Il-Pulizija v Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)**

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjn jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;

2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;

3. Dan l-element jista jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa’ ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista’ jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;

5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu illegittimament u intant tilqa’ dak l-oggett mighajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

6. Jigi iccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence;*

7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif

ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ingiebitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista' tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza illegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova f'dan il-kaz li kien l-imputat li effettiament ta l-ispoiler mertu tal-kawza lil Ludwig Cassar u rnexxielha tipprova wkoll li Stephen Abela kien irraporta li ra l-ispoiler tieghu li kien gie misruq imwahhal fuq il-vettura ta' Ludwig Cassar. Il-Prosekuzzjoni ipprovat ukoll li dan l-ispoiler sar Malta.

Illi pero' l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-provenjenza illegittima ta' dan l-istess spoiler. Ressqet lil Stephen Abela jghid li l-ispoiler tieghu kien gie misruq, pero' meta' nsteraq jew kif insteraq ma giex provat. Il-Prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda prova dwar din l-allegat serqa u cioe' la l-okkorrenza relattiva ghal din is-serqa u lanqas il-proces verbal jekk verament kienet inzammet xi nkjesta kif donnu stqarr l-Ufficcjal

Prosekutur fit-trattazzjoni orali tieghu. Illi sabiex jigi pruvat dan ir-reat huwa mehtieg li jkun hemm il-prova tal-provenjenza illegittima tal-oggett.

Issa l-imputat irrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija u rega’ xehed il-Qorti sentejn wara. Illi dan deher li kien konsistenti f’dak li qal. Il-Qorti kienet f’posizzjoni li tara l-imgieba tal-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u tara jekk dak li qal kienx mis-sewwa u jekk tali xheida hiex kolloborata minn xhieda ohra. L-imputat deher li kien konsistenti fil-verzjoni li ta kemm waqt l-istqarrija u aktar tard il-Qorti. Illi din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita li l-imputat verament jigbor l-iskart u mbarazz u li jbiegh l-istess biex jaqla’ sold. Illi minn din it-transazzjoni ma jidhirx li l-imputat qala’ xi flus izda dak li ghamel kien att bejn il-hbieb.

Illi minn imkien ma jirrizulta l-*mens rea* u cioe’ x-xjenza li l-imputat kien jaf li l-oggett kellu provenjenza illegittima jew illegali. Huwa legittimu li bniedem jigbor skart meta dan ikun abbandunat u ghalhekk dak li ghamel l-imputat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz huwa legittimu.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-aritkoli tal-ligi u cioe’ l-**Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddeciedi li tillibera lill-imputat Anthony Pisani minn kull imputazzjoni u htija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------